# Il-Ħadd 03.12.2017

1. Illum 3/12, **l-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:
   - Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

2. Il-Ġimgħa 8/12, **Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni**:
   - Xieraq li nqaddsu dan il-jum bil-quddies, li jkun fil-ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.

3. Mill-Ħamis 7/12 sal-Ħadd 10/12:
   - Fejn il-bieb tal-knisja, ser ikun hemm min ibiegħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija li tittella' qrib il-Milied. Dan b'risq il-manutensjoni u l-proġetti prinċipali tal-knisja.

4. Is-Sibt 9/12:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija, l-Imġarr.

5. Il-Ħadd 10/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent**

6. Il-Ħamis 14/12:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja tal-patrijiet Kapuċċini ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem, ix-Xemxija, fejn ikollna Quddiesa, u wara *buffet lunch* f'lukanda l-Mellieħa. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

7. Avviżi oħra:
   - Id-Direzzjoni tal-gazzetta b'ispirazzjoni nisranija u kattolika ***'IL-LEĦEN'*** tavża li l-ħlas tal-abbonament għas-sena 2018 għandu jsir matul dan ix-xahar ta' Diċembru.
   - Matul dan ix-xahar, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Djakonija tal-parroċċa, diversi ħwienet tal-merċa f'Ħal Safi ser ikollhom kaxxa apposta fejn wieħed jista' jixtri u jħalli affarijiet fiha, li wara ser jingħataw biex ngħinu lill-persuni fil-bżonn, kif ukoll istituti. Tajjeb li ma noqgħodux lura milli nuru ġenerożità mal-proxxmu tagħna.
   - Matul dawn il-jiem qed jitqassam il-magazin *'Flimkien'* ta' Diċembru, flimkien mal-envelopes biex tagħtu l-Istrina tagħkom b'risq il-parroċċa li ser tmur għall-manutenzjoni tal-knisja, fejn apparti diversi proġetti ta' konservazzjoni u restawr - bħar-relikwarju antik tal-injam ta' San Pawl, u l-Bambin antik li ngħata b'donazzjoni lill-Parroċċa, iżda li kellu bżonn dawra - bdejna l-proċess biex diversi gandlieri ta' kuljum ikunu rranġati u ndurati fuq medda ta' snin, u bdejna naħsbu wkoll għal sistema ġdida ta' *sound*, li fost affarijiet oħra ser tkun tinkludi wkoll *loop* għall-*Hearing Aids*, kif ukoll irridu nibdew naħsbu bis-serjetà għat-tiswija aktar adatta tas-Saqaf tal-Knisja kemm minn barra u kemm minn ġewwa. Dawn l-aħħar proġetti żgur ser ikunu qed jirrikjedu ammont sostanzjali ta' finanzi. Għaldaqstant dawn id-donazzjonijiet għandhom jinġabru lura minn dawk li jqassmu l-*'Flimkien'* jew inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti. Nitlob il-koperazzjoni ta' kulħadd, u nirringrazzjakom bil-quddiem tal-ġenerożità li kontinwament turu.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 20 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi mill-qalb.

9. Nitolbu għal Katarina Monreal li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...